**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 102/17VG**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Nurmu 621/17 fl-ismijiet**

**Topcar Services Limited**

**Vs**

**Adrian Figallo u FM Promotions Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Adrian Figallo u s-socjetà FM Promotions Limited fis-6 ta' April 2017 permezz ta' liema jitolbu li l-Qorti: (i) tawtorizza l-hrug ta' Kontro-Mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 621/17 fl-ismijiet "Topcar Services Limited v. Adrian Figallo et" u dan a tenur ta' l-Artikolu 836(1)(b),(c),(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) tiehu dawk il-mizuri necessarji w opportuni kontra Sergio Camilleri ghall-gurament falz fuq l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 741/17 ipprezentata mis-socjetà Topcar Services Limited fil-konfront taghhom; u (iii) tordna lis-socjetà Topcar Services Limited sabiex thallas penali ta' sitt elef disa' mija tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) a tenur ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17 fl-ismijiet "Topcar Services Limited v. Adrian Figallo et" a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Topcar Services Limited permezz ta' liema topponi ghat-talbiet ta' Adrian Figallo u s-socjetà FM Promotions Limited u titlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li r-rekwiziti ghall-hrug ta' Kontro-Mandat ma humiex sodisfatti fil-kaz in ezami u minflok il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni ghandu jibqa' in vigore sakemm ikun hemm decizjoni finali fil-mertu;
Rat l-atti ta' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 741/17 datata 28 ta' Marzu 2017, liema atti gew allegati ma' l-atti ta' dawn il-proceduri;

Semghet ix-xhieda moghtija minn Adrian Figallo, George Muscat u Sergio Camilleri waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2017 u rat id-dokument esebit *animo ritirandi* minn Sergio Camilleri markat Dok. "SC1";

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

B'Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 28 ta' Marzu 2017, is-socjeta Topcar Services Limited (intimata f'dawn il-proceduri) interpellat lil Adrian Figallo u s-socjetà FM Promotions Limited (rikorrenti f'dawn il-proceduri) jhallsuha s-somma ta' €3,571.47 rapprezentanti il-valur ta' provvista ta' *fuel* u l-valur ta' xoghlijiet ta' tiswija li saru fuq il-vettura ta' l-ghamla Seat Ibiza bin-Numru ta' Reigstrazzjoni JAI-194. Kontestwalment ma' l-ittra imsemmija, is-socjetà intimata pprezentat Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tar-rikorrenti ghall-kawtela tas-somma ta' €3,571.47 bhala sorte, liema talba giet milqugha fid-29 ta' Marzu 2017 u b'hekk inhareg il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17 fil-konfront tar-rikorrenti.

Bil-proceduri odjerni r-rikorrenti jitolbu *inter alia* r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17 u l-hrug tal-Kontro-Mandat opportun a tenur ta' l-Artikolu 836(1)(b),(c),(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huma jibbazaw it-talba taghhom ghar-revoka ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fuq is-segwenti pretensjonijiet: (i) l-ebda wiehed minnhom, ossia la Adrian Figallo u lanqas is-socjetà FM Promotions Limited, ma ghandu relazzjoni guridika mas-socjetà intimata stante li Adrian Figallo qatt ma xtara *fuel* minghand is-socjetà intimata u x-xoghol ta' tiswija fuq il-vettura di proprjetà tieghu ta' l-ghamla Seat Ibiza bin-Numru ta' Registrazzjoni JAI-194 saru minn Sergio Camilleri u mhux mis-socjetà intimata, u s-socjetà Rikorrenti ma hijiex proprjetarja tal-vettura imsemmija u qatt ma inkarigat lis-socjetà intimata biex tesegwixxi xoghlijiet ta' tiswija fuq tali vettura; (ii) in kwantu rigwarda ix-xoghlijiet ta' tiswija fuq il-vettura tieghu ta' l-ghamla Seat Ibiza bin-Numru ta' Registrazzjoni JAI-194, ir-rikorrent Adrian Figallo qatt ma gie interpellat ihallas u fi kwalunkwe kaz Sergio Camilleri ghad ghandu fil-pussess tieghu l-imsemmija vettura li tikkostitwixxi garanzija sufficjenti ghal kwalunkwe pretensjoni fil- konfront tieghu; (iii) in kwantu rigwarda l-provvista ta' *fuel,* is-socjetà rikorrenti FM Promotions Limited qatt ma giet interpellata thallas, la bil-miktub u lanqas bil-fomm; (iv) illi ghal tali ragunijiet fil-kaz in ezami ma jissussistux l-estremi mehtiega fil-Ligi ghall-hrug ta' Mandat Kawtelatorju da parte tas-socjetà intimata fil-konfront taghhom.

Apparte minn dan kollu, ir-rikorrenti jitolbu li jittiehdu l-mizuri necessarji fil-konfront ta' Sergio Camilleri ghall-gurament falz peress illi fuq l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta mahruga mis-socjetà intimata fil-konfront taghhom, huwa kkonferma bil-gurament li huma gew diversi drabi interpellati ghall-hlas izda baqghu inadempjenti, haga din li qatt ma saret peress illi skonthom qabel l-interpellazzjoni ghall-hlas bl-imsemmija Ittra Ufficjali u l-hrug tal-Mandat ta' Sewkwestru Kawtelatorju in kwistjoni, huma qatt ma gew interpellati ghall-hlas la minnu u lanqas mis-socjetà intimata. Ir-rikorrenti jitolbu

wkoll li tigi imposta penali fuq is-socjetà intimata ammontanti ghal €6,988.12 a tenur ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjetà intimata da parte taghha topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti u titlob li l-istess jigu michuda, b'dana ghalhekk li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17 jibqa' in vigore sakemm jigi deciz il-mertu tal-vertenza li ghandha ma' Adrian Figallo u s-socjetà FM Promotions Limited, stante li l-pretensjonijiet fuq liema r-rikorrenti jibbazaw it-talbiet taghhom ma jissodisfawx ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi ghall-hrug ta' Kontro-Mandat ghal Mandat Kawtelatorju u kuntrarjament ghal dak pretiz mir-rikorrenti, huma gew interpellati ghall-hlas bil-konsegwenza ghalhekk li Sergio Camilleri ma hax gurament falz fuq l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta mahruga fil-konfront taghhom u ma hemmx lok li tigi imposta fuqhom penali a tenur ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Matul il-kors tas-smigh tal-proceduri u b'mod partikolari waqt it-trattazzjoni orali, ir-rikorrenti sahqu fuq il-fatt li l-hrug ta' Mandat Kawtelatorju huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi uzufruwit biss bhala rimedju ahhari fejn ma hemmx alternattivi ohra ghas-sodisfazzjon tal-kreditu pretiz. Fil-fehma tal-Qorti però tali pretensjoni tar-rikorrenti ma hijiex guridikament korretta in kwantu kif jirrizulta mill-Ligi stess *kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji* [imsemmija fil-Ligi] *illi wara li jigu imharsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodici, jigu mahruga w esegwiti taht ir-responsabbiltà taghha* – Artikolu 829 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Abdilla v. Auto Sales Limited, Rik. Nru. 115/11** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civli fis-17 ta' Mejju 2011, gie osservat illi *l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet gja ezistenti taghha u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dan johrog car minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Carmela Aquilina v. Francis X. Aquilina" deciza fis-27 ta' Novembru 1991 fejn inghad: "id-dritt ta' kawtela – cioè d-dritt procedurali – li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista' jigi kawtelat. Dawn (id-dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed ... Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m'huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat." Ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma "tikkonfondix il-kuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet".*

Naturalment u anke fid-dawl tal-fatt li l-Mandati Kawtelatorji jinhargu u jigu esegwiti taht ir-responsabilità ta' min talabhom, biex Mandat Kawtelatorju jinhareg u jibqa' fis-sehh jehtieg li jigu sodisfatti, u jibqghu hekk sodisfatti, ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi ghall-hrug ta' tali Mandati. B'konsegwenza ta' tali principju, il-Ligi, senjatament taht l-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tipprovdi ghal dawk l-istanzi fejn u meta l-persuna fil-konfront ta' min ikun inhareg Mandat Kawtelatorju tista' titlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* ta' l-istess Mandat. Huma dawn ic-cirkostanzi li ghandhom jigu ikkunsidrati mill-Qorti fil-kuntest ta' proceduri ghall-hrug ta' Kontro-Mandat ghal Mandat Kawtelatorju, liema konsiderazzjoni però ghandha tkun wahda limitatament *prima facie*, hekk kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civli fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Camilleri et v. Anthony Govè et,**

**Rik. Nru. 286/01** pronuncjata fl-10 ta' Mejju 2001: *mid-disposizzjoni ta' l-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja. Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza.*

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti jibbazaw it-talba taghhom ghall-hrug tal-Kontro-Mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17 fuq l-Artikolu 836(1)(b),(c),(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li: (i) *wahda mill-htijiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti*; (ii) *hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni;* (iii) *l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;* u (iv) *fic-cirkostanzi ma huwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

B'referenza ghall-ewwel element fuq liema r-rikorrenti jibbazaw it-talba taghhom ghall-hrug ta' Kontro-Mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17, ossia li wahda mill-htijiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti, jigi osservat illi *l-htigijiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat Kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mill-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabilità tal-persuna li tkun talbitu.*[1]

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjetà intimata effettivament ghandha pretensjoni ta' dritt kontra r-rikorrenti. Apparte l-fatt li Sergio Camilleri in rapprezentanza tas-socjetà intimata xehed illi s-socjetà minnu rapprezentata ghandha tiehu hlas minghand ir-rikorrenti ghal provvista ta' fuel u ghal xoghlijiet ta' tiswija esegwiti fuq il-vettura ta' l-ghamla Seat Ibiza bin-Numru ta' Registrazzjoni JAI-194, ir-rikorrent Adrian Figallo stess, li huwa wkoll Direttur fis-socjetà rikorrenti FM Promotions Limited, ammetta li kien hemm provvista ta' *fuel*, anzi zewg provvisti ta' *fuel*, da parte tas-socjetà intimata kif ukoll tiswijiet fuq il-vettura ta' l-ghamla Seat Ibiza bin-Numru ta' Registrazzjoni JAI-194 li jikkontendi hija di proprjetà tieghu. Il-kontestazzjoni tieghu ma hijiex tant dwar l-ezistenza *per se* tal-pretensjoni tas-socjetà intimata, ghaliex jigi ribadit mix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2017 tali pretensjoni giet minnu rikonoxxuta, izda jikkontendi li l-pretensjoni ma kellhiex tigi diretta kif giet diretta fil-konfront tieghu f'ismu personali u fil-konfront tas-socjetà FM Promotions Limited minhabba nuqqas ta' relazzjoni guridika mas-socjetà intimata.

---

[1] Theresa Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart, Rik. Nru. 336/05 deciz fis-29 ta' Lulju 2005.

In kwantu rigwarda l-pretensjoni tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika mas-socjetà intimata, jigi mill-gdid puntwalizzat illi *f'dawn il-proceduri l-kwistjonijiet sollevati, b'mod partikolari dawk il-kwistjonijiet li essenzjalment jappartjenu ghal mertu tal-kontroversja bejn il-partijiet, m'ghandhomx jigu trattati w ezaminati fil-fond. Hawnhekk qeghdin fil-kamp tal-'prima facie' u l-Qorti zgur li m'ghandhiex tidhol u tezamina 'funditus' il-mertu tal-kwistjoni. Hawnhekk si tratta ta' att kawtelatorju li jinhareg semplicement ghaliex l-intimat ikkonferma bil-gurament li huwa jippretendi li ghandu xi drittijiet fil-konfront ta' diversi persuni inkluzi r-rikorrenti. Hu ovvju li l-intimat, ladarba ottjena l-hrug ta' l-att kawtelatorju in kwistjoni, ghandu jassumi r-responsabilitajiet kollha u l-konsegwenzi kollha skond il-ligi anke fil-konfront tar-rikorrenti odjerni. F'dawn il-proceduri huma r-rikorrenti li ghandhom jippruvaw 'prima facie' li l-att kawtelatorju in kwistjoni m'ghandux jinzamm fis-sehh u dana a bazi ta' dawk ir-ragunijiet li huma specifikati fil-ligi u li gew indikati mir-rikorrenti. In vista tal-premess u fid-dawl tas-sottomissjonijiet kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt tar-rikorrenti, il-kwistjoni dwar il-legittimu kontradittur ma tistax tigi ezaminata fid-dettal u b'mod estensiv, peress li din il-kwistjoni essenzjalment tappartjeni ghal meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. L-ezami li ghandu jsir f'dan ir-rigward hu jekk hemmx ghall-inqas prova li mad-daqqa t'ghajn teskluzi li hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet*, prova din li fil-fehma tal-Qorti ma tressqitx mir-rikorrenti.

In kwantu rigwarda t-tieni element marbut ma' l-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li *ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt*, jigi rilevat illi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17 kien inhareg kontestwalment ma' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif provdut u proceduralment permess ai termini ta' l-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk fiz-zmien meta gew istitwiti l-proceduri odjerni dan ir-rekwizit kien sodisfatt ukoll.

Ir-rimanenti zewg elementi marbuta ma' l-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma li *l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mill-ligi dwar il-hrug tieghu u li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabilità tal-persuna li tkun talbitu.* Minn ezami tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni jirrizulta immedjatament evidenti li entrambe l-imsemmija zewg rekwiziti jinsabu sodisfatti ghaliex il-Mandat fil-fatt fih ir-rekwiziti kollha indikati fl-Artikolu 375(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-istess Rikors u t-talba fih dedotta gew debitament igguramentati minn Sergio Camilleri ghan-nom tas-socjetà intimata.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk it-talba ghall-hrug ta' Kontro-Mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17 a bazi ta' l-Aritkolu 836(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Kif iktar 'l fuq osservat ir-rikorrenti jitolbu l-hrug ta' Kontro-Mandat ghall-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju anke a bazi ta' l-Artikolu 836(1)(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè ghaliex skonthom hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-socjetà intimata.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-unika haga li skont ir-rikorrenti tista' tikkostitwixxi garanzija idoenja ghall-pretensjoni tas-socjetà intimata hija l-vettura ta' l-ghamla Seat Ibiza bin-Numru ta' Registrazzjoni JAI-194 li jidher li ghadha fil-pussess tas-socjetà intimata u ta' Sergio Camilleri jew min minnhom. Oltre tali vettura, ir-

rikorrenti ma ressqu l-ebda garanzija jew prova dwar garanzija alternattiva li tista' tinghata lis-socjetà intimata in kawtela tal-pretensjoni taghha. Ghalkemm *en passant* issemmew flus li gew depozitati l-Qorti u proprjetà personali tar-rikorrent Figallo li allegatament tiswa ferm iktar mis-somma pretiza mis-socjetà intimata, ma tressqu l-ebda provi, imqar *prima facie*, fir-rigward.

Il-Ligi tipprovdi b'mod car li l-Qorti ghandha tilqa' t-talba ghall-hrug ta' Kontro-Mandat a bazi ta' din id-disposizzjoni partikolari biss kemm-il darba tkun sodisfatta li l-garanzija alternattiva proposta tkun tali li tassigura bizzejjed il-pretensjoni tas-socjetà intimata, konvinzjoni li fil-kaz in ezami din il-Qorti certament ma ghandhiex.

Jibda biex jinghad li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova dwar il-valur attwali tal-vettura ta' l-ghamla Seat Ibiza bin-Numru ta' Registrazzjoni JAI-194 u ghalhekk il-Qorti ma tistax tkun taf, u wisq inqas tista' tkun sodisfatta, li din il-vettura effettivament tikkostitwixxi garanzija idoneja ghall-pretensjoni tas-socjetà intimata. Apparte minn hekk kif jistghu r-rikorrenti jippretendu li l-Qorti tilqa' tali pretensjoni taghhom li din il-vettura proprjetà ta' Adrian Figallo tikkostitiwixxi garanzija idoenja ghall-pretensjoni tas-socjetà intimata meta l-istess Adrian Figallo jibbaza l-proceduri odjerni *inter alia* fuq il-pretensjoni li huwa ma ghandux relazzjoni guridika mas-socjetà intimata.

F'dan il-kaz ukoll il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' Kontro-Mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17 a bazi ta' l-Artikolu 836(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ir-rikorrenti jikkontendu wkoll li l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju mahrug fil-konfront taghhom ghandu jigi revokat in bazi ghall-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex skonthom l-ammont mitlub ma huwiex *prima facie* dovut u/jew huwa eccessiv.

Fir-rigward ta' tali element issir referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart, Rik. Nru. 336/05** deciza fid-29 ta' Lulju 2005: *il-Qorti tifhem li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta' l-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-'fumus juris' tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex 'jillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti issib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta' hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le li l-ammont pretiz huwa misthoqq jew li huwa gholi wisq, tkun qeghda tiddeciedi il-qofol tal-mertu tal-kontro-talba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga' jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata*

*wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsir plawsibbli lil din il-Qorti dwaru. Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa ta' ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat. Ir-rikorrent jghid li ma jista' qatt ikun li l-intimata jkollha ragonevolment jedd ghall-hlas ta' disat elef lira fis-sena ta' servigi prestati lilu. Dijà inghad li konsiderazzjoni bhal din trid issir meta jitqies il-kaz fil-mertu u mhux fi procedura bhal din.*

Fil-kaz in ezami, kif già iktar 'l fuq osservat, jirrizulta li s-socjetà intimata effettivament ghandha pretensjoni ta' hlas, pretensjoni din rikonoxxuta anke mir-rikorrent Adrian Figallo li huwa wkoll Direttur tas-socjetà rikorrenti FM Promotions Limited, liema pretenstjoni giet minnha dedotta permezz ta' Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ittra din in segwitu kontestata mir-rikorrenti. Minn ezami kemm ta' l-Ittra Ufficjali imsemmija, ossia l-Ittra Ufficjali bin-Numru 741/17, kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17, jirrizulta li s-sorte ta' €3,571.47 kawtelata bil-Mandat tikkorispondi mal-pretensjoni dedotta fl-imsemmija Ittra Ufficjali. B'hekk *prima facie* ma jirrizultax li l-ammont kawtelat mis-socjetà intimata bil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni ma huwiex gustifikat u/jew huwa eccessiv. Ghalkemm ir-rikorrenti jikkontendu li ma jaqblux ma' l-ammont pretiz mis-socjetà intimata ghaliex skonthom qatt ma rcevew invoices minghandha u ghaliex in kwantu rigwarda l-*fuel* konsenjat, mhux qed jaqblu dwar il-figura ta' *fuel* effettivament utilizzat, dawn ma humiex kwistjonijiet li jistghu jigu trattati fi proceduri ghar-revoka ta' Mandat Kawtelatorju izda huma kwistjonijiet marbuta mal-mertu li ghandu jigi ikkunsidrat separatament minn dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat ta' Sewkestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17 a bazi ta' l-Artikolu 836(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ukoll ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Jigi ulterjorment osservat illi fid-dawl ta' dan kollu già osservat u ghaliex ir-rikorrenti ma ressqux provi xierqa fir-rigward, il-Qorti lanqas ma tista' tqis li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Nurmu 621/17 ghandu jigi revokat ghaliex *fic-cirkostanzi ma huwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli*, ossia a bazi ta' l-Artikollu 836(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fix-xhieda tieghu, ir-rikorrent Adrian Figallo semma l-pregudizzju li hu u martu qed isofru minhabba l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni u dana billi, skontu, *l-HSBC sal-bierah stess, baghtuli li qabel ma jitranga dan is-sekwestru ma jistghux jipprocedu aktar* [bil-process tas-slef bankarju] *u ovvjament qed nehlu charges ukoll. Apparti hekk minhabba dan is-sekwestru li gie habta u sabta fl-ahhar tax-xahar, sahansitra anke cekkijiet tal-VAT ma gewx imsarrfin etc. ect. Anki l-overdraft twaqqfet ghax l-overdraft hija personali mhux ghall-business.*

Madanakollu tali allegat pregudizzju ma huwiex meqjus bhala raguni valida ghar-revoka ta' Mandat Kawtelatorju u dana billi kif ormai stabbilit *fil-hrug ta' atti kawtelatorji ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li*

*hu kreditur ta' l-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward ta' l-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbilit jekk jezistux l-estremi li trid il-ligi, skond il-provedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikkonfermaw il-kreditu. In oltre l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lir-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat*[2].

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li fil-kaz in ezami ma hemmx ragunijiet sufficjenti u validi li ghandhom iwasslu ghar-revoka tal-Mandat ta' Skewestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17 u l-konsegwenti hrug ta' Kontro-Mandat.

Ir-rikorrenti jikkontendu wkoll li qabel il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront taghhom, is-socjetà rikorrenti ma interpellathomx ghall-hlas. Din l-affermazzjoni hija marbuta sfiq mat-talba ghall-imposizzjoni ta' penali fuq is-socjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u mat-talba sabiex il-Qorti tiehu l-mizuri necessarji fil-konfront ta' Sergio Camilleri ghall-gurament falz in kwnatu fl-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta mahruga fil-konfront taghhom huwa kien ikkonferma bil-gurament li huma gew diversi drabi debitament interpellati ghall-hlas izda baqghu inadempjenti.

Mill-provi prodotti u b'mod partikolari mix-xhieda tar-rikorrent Adrian Figallo stess, il-Qorti ma hijiex affattu konvinta li qabel il-hrug ta' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 28 ta' Marzu 2017 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/17 is-socjetà intimata ma kenitx interpellat lir-rikorrenti jew ta' l-inqas lil Adrian Figallo li huwa wkoll direttur tas-socjetà rikorrenti FM Promotions Limited, ghall-hlas ghall-*fuel* minnha provdut u ghat-tiswijiet esegwiti fuq il-vettura ta' l-ghamla Seat Ibiza bin-Numru ta' Registrazzjoni JAI-194.

Fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2017, in risposta ghall-mistqosija jew hu u/jew is-socjetà rikorrenti qatt ircevewx *invoices* minghand is-socjetà intimata, Adrian Figallo irrisponda *le, kont tlabthom iva meta kellna l-meeting ma' Sergio u din jista' jghidha ghax ovvjament tlabtu l-invoices ghax la jiena, la l-accountant u lanqas l-ebda direttura ma huwa ser jiffirma pagamenti minghajr invoices*. Fil-fehma tal-Qorti t-talba ghall-*invoices* probabilment, jekk mhux addirittura necessarjament, saret proprio ghaliex Sergio Camilleri ghas-socjetà intimata talab ghall-hlas dovut lis-socjetà minnu rapprezentata. Dejjem waqt ix-xhieda li ta quddiem il-Qorti Adrian Figallo, in risposta ghall-mistqosija *telefonati bejnietkom fejn qed jghidlek hallasni isma' hallasni issa, kien hemm?* wiegeb *kien hemm telefonati bejnietna imma mhux hallasni issa. Kien hemm telefonati u jaf li s-sitwazzjoni tal-fuel baqghet l-istess ghax qatt ma rcevejna xejn fuqhom*. Minn din ir-risposta wkoll jirrizulta li talbiet ghall-hlas saru, u fil-fatt saru ripetutament, izda ghar-ragunijiet taghhom – li huma kwistjonijiet marbuta prettament mal-mertu – ir-rikorrenti ma hallsux.

[2] Taormina Holdings Limited v. Biochemicals International Limited, Rik. Nru. 715/03 deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003. Sottolinear tal-Qorti.

Fir-rigward tat-talba jew interpellazzjoni ghall-hlas ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa principju ormai assodat illi *s-sejha rikjesta bil-ligi tista' ssir bi kwalunkwe mod, u semplici ittra jew talba verbali hi sodisfacenti*[3] u *lanqas ma hu mehtieg li l-interpellazzjoni tkun ta' somma determinata, specjalment meta l-kreditu jkun ghad irid jigi likwidat*[4]. Applikati l-fatti tal-kaz, anke kif rizultanti mix-xhieda tar-rikorrent Adrian Figallo, ghall-imsemmija principji guridici jirrizulta li t-talba ghall-hlas saret verbalment, u dan diversi drabi, u ghalhekk il-posizzjoni tas-socjetà intimata hija salvagwardata.

Mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li hemm dubju ragjonevoli kemm ir-rikorrenti, u dana b'mod partikolari in kwantu rigwarda s-socjetà rikorrenti FM Promotions Limited, tinsab f'qaghda finanzjarji tali li thallas it-talba tas-socjetà intimata. Dan id-dubju jinsorgi b'mod partikolari mix-xhieda ta' Adrian Figallo fejn iddikjara li *s-socjetà FM Propomotions bhal' issa qieghda wieqfa minhabba din il-kawza li ahna ftahna lil Polidano Group* fil-kuntest ta' liema kawza jidher li s-socjetà rikorrenti giet rinfaccjata b'Mandat ta' Sekwestru ghall-ammont ta' €30,000.

B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mir-rikorrenti ma hemmx lok li tigi imposta penali fuq is-socjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas hemm lok li jittiehdu mizuri fil-konfront ta' Sergio Camilleri ghall-allegat gurament falz.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet kollha avvanzati minn Adrian Figallo u mis-socjetà FM Promotions Limited bir-Rikors ipprezentat fis-6 ta' April 2017, ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad it-talbiet kollha avvanzati minn Adrian Figallo u s-socjetà FM Promotions Limited bir-Rikors ipprezentat fis-6 ta' April 2017.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament minn Adrian Figallo u s-socjetà FM Promotions Limited *in solidum* bejniethom.

**Moghti llum 29 ta' Mejju 2017**

**MAGISTRAT**

---

[3] Debono v. Ohio Developments Limited, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1998, Reno Tonna v. Hydrodynamics Limited, Rik. Nru. 912/02 deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2002.

[4] John Zarb v. Port Cottonera Limited, Rik. Nru. 883/02 deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Settembru 2002.